## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2012 — Ebro Foods vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-234/10)** [1]

***("Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Skema ta' għajnuna li tippermetti l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li ma tordnax l-irkupru tal-għajnuna — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà")***

(2012/C 133/50)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ebro Foods, SA, li kienet Ebro Puleva, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Buendía Sierra, E. Abad Valdenebro, M. Muñoz de Juan u R. Calvo Salinero, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u C. Urraca Caviedes, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/5/KE, tat-28 ta' Ottubru 2009, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU 2011, L 7, p. 48).

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Ebro Foods, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 195, 17.07.2010.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2012 — Modelo Continente Hipermercados vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-174/11)** [1]

***("Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Skema ta' għajnuna li tippermetti l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju fil-każ tal-akkwist ta' ishma barranin — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li ma tordnax l-irkupru tal-għajnuna — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà")***

(2012/C 133/51)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Modelo Continente Hipermercados, SA, sucursal en España (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Buendía Sierra, E. Abad Valdenebro, M. Muñoz de Juan u R. Calvo Salinero, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u C. Urraca Caviedes, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/5/KE, tat-28 ta' Ottubru 2009, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU L 7, p. 48).

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Modelo Continente Hipermercados, SA, sucursal en España, hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 139, 07.05.2011.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2012 — Barthel et vs Il-Qorti tal-Ġustizzja

**(Kawża T-398/11 P)** [1]

***("Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Remunerazzjoni — Rifjut li jingħata lir-rikorrenti l-benefiċċju ta' allowance għal xogħol permanenti jew bix-shift — Terminu għall-ilmenti — Dewmien — Appell parzjalment infondat u parzjalment manifestament inammissibbli")***

(2012/C 133/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Yvette Barthel (Arlon, il-Belġju); Marianne Reiffers (Olm, il-Lussemburgu); u Lieven Massez (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J. N. Louis, E. Marchal u D. Abreu Caldas, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Placco, aġent)

### Suġġett

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla), tal-10 ta' Mejju 2011, Barthel *et* vs Il-Qorti tal-Ġustizzja, (F-59/10, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

### Dispożittiv

(1) *L-appell ġie miċħud.*

(2) *Y. Barthel, M. Reiffers u L. Massez għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess kif ukoll dawk tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tas-seduta preżenti.*

[1] ĠU C 290, 01.10.2011.